

# L-Istrateġija għall-Iżvilupp tal-Bini f'Malta

# Introduzzjoni

L-għan ta' dan l-istħarriġ kien li jigi deteminat x' jahseb il- poplu Malti dwar l-żvilupp tal-Bini f'Malta.

Il-mistoqsija immedjata ta 'dan l-istħarriġ kienet;

" Dan huwa survey mħejji għalikom minn grupp ta' studenti li jagħmlu parti mill-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ. Billi timla dawn il-mistoqsijiet sempliċi tkun qed tgħin biex tiġi miktuba riżoluzzjoni li ser tiġi ppreżentata fil-Parlament, grazzi tal-għajnuna tagħkom. "

Dan l-istħarriġ laħaq total ta' 653 Maltin.

Q.1:

**Kif taħseb li għandna nkopru l-influss ta' ħaddiema barranin b'residenza affordabbli, filwaqt li nrażżnu l-problema rikorrenti tal-konċentrazzjoni ta' bini fi gżira tant żgħira?**

1. Nibnu appartamenti ġol-bini fejn jaħdmu dawn il-barranin stess, biex b'hekk tnaqqas kemxejn l-effett.
2. Nuzaw il bini antik u abbandunat.
3. L-iżvilupp irid ikun sostnut u maħsub fuq pjan strutturat u mhux kulħadd u kullimkien jinbena kif jaħseb hu l-aħjar. L-ippjanar u bilanċ bejn il-bżonnijiet ekonomiċi u dawk ambjentali jridu jittieħdu bis-serjeta mingħajr influwenzi politiċi.
4. Ikun hemm xi tip ta 'capping' bil-pagi per eżempju jekk il persuna taqla' 60k fis-sena ma tistax tikri post ta 400eur fix-xahar. Trid tikri post ta over 600eur fix-xahar eżempju. Min-naħa l-oħra jekk persuna taqla' sa 22k eur fis sena tista' tikri appartament ta 600eur.
5. Ideally it would make sense that new property developments especially in key areas like Sliema are allocated accordingly. Rental Units are designed and managed in one way (1-2 bedroom / Penthouse, parking spaces not garage, Kitchen living dining always open plan, 1 bathroom and 1 ensuite/washroom, communal areas are only managed by owners, etc) and Units for Families are to be designed and managed more in line with family needs (larger areas, Min 1 bath and 1 ensuite and small washroom on back balcony, garage or spaces, common is managed by commune, 2/3 Bedroom / Penthouse, Large balconies on front and Back, etc) Rent control on both types but with different brackets. This would also help younger generations to start living on their own at an earlier age hopefully creating a more independent culture and allowing us to reach the same level of maturity and strength that foreigners have.
6. Prezz tal-kiri għandu jkun ikkontrollat
7. Nagħmlu threshold sakemm tista' tgħolla l-kera skond it tip ta' dar u l-post li post qiegħed fih. Inżidu l-iskemi ta sussidju fuq ir-restwar tal-bini antiki
8. The renting prices should not be too high and also in order to eliminate lack of space we need to take action on those abundant buildings and make use of them.
9. Issir analiżi tal-binjiet kollha diġa eżistenti u9. li mhux qed jiġu użati. Jekk hemm bżonn, jinħoloq dipartiment biex jikkordina din il-ħidma legali. Jekk u fejn ikun possibbli, jiġu irranġati dawn il-binjiet. Mhux jitwaqqgħu, imma jiġu irranġati, wara li jintlaħaq ftehim mas-sidien.
10. Billi irranġaw postijiet antiki u jibdew jgħixu fihom hawn ħafna flattijiet antiki vojt u abbandunati madwar Malta.
11. Billi minflok nibqgħu nibnu bini ġodda, nużaw dawk li huma abbandunati.
12. Ntuhom opportunita jikru anke forsi bl iskemi ta social loan mill-housing li bħalissa huma miftuħa ghal barannin biss. Hekk ikunu jistgħu jixtru propjeta u jħallsu 400 fix-xahar tal-propjeta flok ta' kamra. Wkoll naħseb li l-awtoritajiet għandhom jibdew jesiġu taxxi fuq l-kiri li qed isir.

13. Jrid jsir 'capping' tal-bini. Li jfisser li kull area f'Malta u Għawdex jkollha numru ta bini li ma jaqbiżx il kwota. 2. Jrid jsir reviżjoni kompleta tal-ligijiet tal-bini u rinfurzar attiv billi uffiċjali tal-Mepa jmorru għall-għarrieda fuq il-postijiet ħalli jaraw li kollox jsir bl-ordni u mhux joqogħdu jistennew xi complaint jasal ġewwa l'uffiċini tagħhom. 3. Ma dawn jrid jkun hemm uffiċjali tas Safety u tal-ETC ħalli jiċċekkjaw jekk hemm ksur tal-ligi tas safety u li l-impjegati jaħdmu bil-ktieb tax-xogħol. 4. Ma dan jrid jsir studju dwar jekk is-sengħat li qed jitgħallmu l-istudenti ġewwa l-Mcast hux qed jħallu il-frott. Jekk le jerġgħu jiġu imdaħħla it-Trade School li jkollhom mgħallmin PRATTIĊI u mhux AKADEMIĊI bilil jkollhom esperjenza b'taħlita bbilanċjata ta' prattika u teorija. B'hekk jinħoloq nukleu ta' żgħażagħ b'skills tajba għax-xogħol u tista' tiġi kkontrollta l'influss tal-ħaddiema barranin. Kull apprentistat li jlesti il-course jikkwalifika għal paga tajba skond il-liġi. Dwar ir-residenza affordibbli, il-gvern jrid jidħol għal din billi tiġi kkontrollata il-kera u ma jgħidx li l-kera tikkontrolla lilha infisa. Dik hi teorija żbaljata għall-aħħar.
14. Forsi tajjeb billi nibdew nistaqsu jekk din il biċċa roqgħa ta' gzira tiflaħx dan l'hekk imsejjaħ influss l'ewwel u qabel kollox.
15. Ma nafx
16. B'politika holistika, fejn naraw tassew il ġid komuni vera u mhux xi numri biss fl-ekonomija. Dan jitlob pjan sħiħ u fit-tul. Ovvju ċertu sitwazzjonijiet jiġu mingħajr previżjoni imma xi ħsieb għal dan tajjeb li jiġi kkunsidrat.
17. Urban planning. i.e. Demolition and reconstruction of a series of building according to a central plan to make use of all available space, while ensuring high quality living standards.
18. Ngħollu l-pagi ħalli l-Maltin jitħajjru jaħdmu f'ċertu oqsma…- pagi baxxi ma jħajjruhomx li jagħmlu weekend jaħdmu bħal waiters eżempju
19. Jiġu rranġati il-ħafna djar vojta. Ġeneralment jkunu parti minn xi wirt u il-werrieta ma jiftehemux.
20. L ewwelnett hemm bżonn nibdew nagħmlu limitu t' kemm jibqgħu jidħlu Barranin f'pajjiżna. Nikkunsidraw li ħafna mid-djar vojta li hawn f'kull belt u raħal f'pajjiżna, jinbidlu f'appartamenti jew flats li jista' jaffordjahom kulħadd.
21. Nimlew dawk li huma vojta
22. Kontroll tal kirjiet.
23. All should be screened prior to allowing entry especially businesses that could be a source of money laundering.
24. Naħseb li l-bini abbandunat jew li bħalissa huwa fi stat tajjeb u mhux jiġi użat għandu jiġi offrut għal barranin li jigu joqogħdu Malta. Għandhom jirċievu għajnuna mill-gvern sa ma jsibu bi paga raġonevili biex ikunu jistgħu jixtru l-ewwel residenza propju tagħhom jew ħalli jkunu jistgħu jħallsu l-prezz tal-kirja.
25. Planning where buildings are to be built and set limits. Any illegal buildings built in the past, present and future should be taken down (there are various small buildings built years ago near the sea in certain parts of Malta). Immigrants can get jobs taking down these illegal buildings and also building the planned ones.
26. Il-bini għandu jitla 'l fuq. Għandu jsir studju fejn jiġu identifikati lokalitajiet fejn f'dawn iz-żoni jistgħu jiġu permessi li jinbnew binjiet twal u dan minħabba ir-

restrizzjoni ta' art. Ovvjament għandhom isiru wkoll studji ta' parkeġġi maħsuba biex il-lokalita tkun tiflaħ għal dawn l-influssi.

27. High rise
28. 28.Ninċentivaw homestays fi ħdan familji jew residenzi diġa abitati.
29. 29.Grant them cheap blocks of flats for a petty fee and make them pay a very affordable monthly rent. This should be given to those having a monthly wage of not more than €850
30. 30.Nirregolaw l-influss billi naraw kemm din is-sitwazzjoni hija realment sostenibbli fit-tul.
31. Jitnaqqas l-ammont ta' bini abbandunat u jintużaw billi jiġu rrestawrati. B'hekk jitnaqqas il-bżonn ta' bini ġdid. Inkella suluri jiżdiedu fuq bini ġa eżistenti.
32. L-użu adekwat tal-bini preżenti jissuperċedi b'mod kbir il-kreazzjoni ta' iżjed residenzi. Jekk nużaw il-bini li għandna, u nikkreaw settur ekonomiku li jkun għal nies li ġej biex jaħdmu, forsi anke temporanjament, allura nkunu għamilna l-ewwel pass sabiex nilħqu punt fejn kemm ċittadini Maltin u anke barranin ekonomiċi jsaħħu lil pajjiżna fuq kull front, u mhux ikunu problema.
33. Nirrangaw bini abbandunat

[Only 178 responded to this question]

Q.2:

**Taħseb li kull sid ta' bini residenzjali jrid ikun obbligat li jinstalla l-pannelli solari?**



**Other:**

1. Għandhom jitqassmu b'xejn jekk l-awtoritajiet u jittellaw fuq il-bjut kollha li jaraw ix-xemx (10)
2. Huwa fatt li ħafna bini ma jistax jkollu pannelli mibnijin fuqu. Madanakollu huwa fatt ukoll li dawk li jistgħu qed jiġu mrażżnin milli jagħmlu dan b'mod effiċjenti minħabba regolamenti tal-PA li aktar iva milli le ma jagħmlux sens. (1)
3. M'għandux ikun obbligat iżda issuġġerut (12)
4. Mhux dejjem hu possibbli minħabba bini għoli. (31)
5. Residenzi kbar biss, jekk dawk li għandhom sew biex iħallsu (18) 6. Minn jaqla 'l fuq minn 40/50/60 elf fis-sena (7)

Q.3:

**X'taħseb li għandu jsir mill-bini abbandunat f'Malta?**

1. Jiġi rinovat u jkun abitabbli u jekk sidhu ma jagħmel xejn jiġi mmultat għax qed jħalli l-bini mitluq u jkun apparti perikoluż jkun ta' eye sore.
2. Taxxa fuq bini li mhux qed jintuża
3. Jitwaqqa' u jiġu mibnija bini ikbar state of the art
4. Jiġi mantenut u mbagħad imur għand Social Accomodation.
5. Tajjeb li jiġi stabbilit ta' min hu. F'każ li ma jiġix identifikat, jinxtara jew mill-gvern jew mill-privat permezz tal-qorti u jiġi utilizzat skond il-bżonn.
6. Jiġi rranġat forsi tnejn ħdejn xulxin issir dar waħda. Jista' jitwaqqa u jinbena post ġdid.
7. Jekk ikun abbandunat ta' veru (ie ma jkun hemm ħadd, qatt ma jintuża qas fil-kapaċità ta kera jew villeġġatura) il-Gvern irid ikollu dritt jieħu l-propjetà u jużah għal Housing Soċjali (u is-sid tal-propjetà ikollu dritt li jitħallas mill-Gvern xorta).
8. Dak tal-privat u gvern m'għandux jindaħal. Probabbilment ikun hemm xi kawża l-qorti imħabba wirt u hemm għandu jidħol l-gvern biex l-kawżi ma jdumux fit-tul.
9. Dak tal-privat u gvern ma għandux jindaħal. Probabbilment ikun hemm xi kawża l-qorti imħabba wirt u hemm għandu jdħol l-gvern biex l-kawżi ma jdumux fit-tul.
10. Jekk wara ammont ta' żmien il-proprjetarji ma jbiegħux u jħalluh inabitabbli jiġi f'idejn il-gvern.
11. Jinbidel f'ġonna
12. Jitwaqqa' u floku jinbnew appartamenti jew flats
13. Naħseb il-bini abbandunat għandu restawrat għal stat originali tiegħu , u jekk m'għadux fi stat tajjeb , jiġi użat għal użu ieħor. Għandu jkun hemm iktar inċentivi biex is-sidi oriġinali ta' djar abbandunati jkollhom għajnuna mill-gvern biex jagħmlu restawr fuq id-djar. Jekk is-sid ma jkollux ix-xewqa li jżomm id-dar , il-gvern għandhu jieħu responsabbilta' li jieħu ħsieb id-dar, kif għandu jagħmel għal-propjeta' tiegħu, ħalli b'dawn il-miżuri jkun ġie ppreservat il-valur storiku tal-bini.

14. Binjiet ta’ ċertu valur għall-istorja ta’ pajjiżna huwa importanti li jiġu mħarsa u rrestawrati biex ma nitilfux ġawhar, fejn bħala eżempju nsemmi il-Forti Ricasoli fil-Kalkara li qed titħalla taqa’ biċċiet. Postijiet residenzjali mitluqin m'għandhomx jibqgħu f'dan l-istat għaliex hekk ikollok spazju moħli. Dawn jistgħu jaqgħu taħt il-gvern jekk dawn il postijiet ma jiġux rranati u użati sa’ ċertu żmien, isir ultimatum. Il-gvern imbagħad jista’ jew ibiegħ dik-il propjeta bi qbil li tiġi tranġata u użata jew jirranġa hu u jiġu użati f'għajnuna li min veru jinsab f’sitwazzjoni ta’ faqar. Ħaġa li nixtieq inżid li bini antik għandu jiġi restawrat għal kif kien, f'kelma oħra nżommu dak li hu tradizzjonalment malti bħal per eżempju l-gallariji maltin ecc.
15. Either find new uses, or if it is too damaged or if it is in an area where nobody would want to live (conditions, not accessible) or even in an area where wildlife (should be able to) thrive, take them down.
16. Jiġi għal kiri
17. Riċerki tajbin għal-proprjetarji, jew eredi... Issirilhom offerta mill-gvern biex jinxtraw għal social housing.
18. Refurbishment and put back into the market.
19. Naħseb li għandhom jiġu identifikati s-sidien u jiġu mogħtija sussidji fuq taxxa sabiex jbiegħu l-post. Jekk le, għandu jkun hemm taxxa miżjuda fuq bini abbandunat. Jekk is-sidien ma jiġux identifikati, allura għandu jinħareġ applikazzjoni ta' żvilupp lil kuntrattur jekk hemm bżonn
20. jew bejgħ dirett lis-settur privat, dejjem jekk ma jkunx hemm issues legali li jiddeċiedu x'għandu jsir mill-bini.
21. Xejn

[All other answers were very similar to the above]
Most Popular Answers: 12, 10, 18, 2, 11 respectively

Q.4:

**Li kieku għandek dar antika li tista' tiġi rrestawrata, x'taħseb li għandu jsir?**




**Other:**

1. It should depend on the area, the owner and the property type. Houses of Character can be in such a bad state that restoring it would be a financial bottomless pit. Others could be in a much better state. Others might simply be better to replace with flats due to the area its in and the requirements of the town.
2. Id-deċizjoni għandha tkun skond il binja l-valur storiku tagħha kif ukoll u kif temalgama mal-bini tal-madwar.
3. Titranġa għal gosti ta' min jixtriha basta mhux appartamenti għax qisna slums kullimkien basta ikollhom bir mhux kulħadd xejn mu xejn.
4. L-awtoritajiet għandhom jiskoraġġixxu li djar antiki jitwaqqgħu b'miżuri fiskali li tassew jaqtgħulek qalbek. Mill-fondi li jidħlu ghajnuna sostanzjali lil min jirrestawra l-antik billi tal-inqas iħalli l-istess footprint u faċċata.
5. Naturalment, dan skont l-ambjent li fih qiegħda d-dar. Appartamenti m'humiex neċessarjament ħaġa ħażina għaliex iżidu l-kompetittività fis-suq...iżda mhux jekk itellfu l-ambjent ta' madwarhom.

Q.5:

**Taħseb li t-twessigħ ta' toroq u proġetti li jżidu l-kapaċità tat-traffiku għandhom ikunu s-soluzzjoni biex tissolva din il-problema?**



Q.6:

**Liema mezz ta' trasport ġdid taħseb li għandu jidħol f'Malta?**




**Other:**

1. Both
2. Trams
3. I think we need to look at more options from many other countries both larger and smaller than us and then based on these options we should create our own scheme of transportation that would be a mix of the best options based on locality and type. The concept would be to link a small number of large hubs across the island with quick large scale modes of transport and then adding Medium or Small modes of transport to/from the main hub to their surrounding areas. For example Valletta would be a large transport hub based just outside the city with a number of small personal transport options focused on short distances.
4. More roads safe for motorbikes and bicycles.
5. Kwota fuq karozzi ġodda. VRT aktar rigoruż. Malta Public Transport trid twettaq xogħolha aħjar dwar ħinijiet, rotot, aktar xarabanks. Monorail; u underground huma ideat tajbin fuq il-karta. Hemm ħafna mistoqsijiet dwarhom li ħadd ma għadu irrisponda. Infatti proġetti bħal dawn huma wisq fantastiċi għal Malta. Huma 'White Elephants".
6. Jirrangaw naqa' tal-linja.

Q.7:

**Fejn taħseb li għandhom ikunu l-iktar postijiet kumerċjali?**




**Other:**

1. Depends on location, accessibility, ease of use, surrounding services. (119)
2. Xorta (19)

Q.8:

**Ikollok tixtri ufficċju ta tletin metru kwadru, kemm tħallas għalih?**



Q.9:

**Taħseb li għandna nimxu lejn il-kreazzjoni ta' suq kompetittiv fis-settur tal-enerġija, sabiex l-Enemalta ma tibqax issostni monopolju totali fuq il-grid nazzjonali?**




**Other:**

1. Jekk iva għax tissaħħaħ l-ekonomija. Imma jekk le għax jistgħu jinħolqu xi problemi u konfużjoni għal poplu.
2. Yes but given that there is a monopoly it would not be possible without the financial backing and enforcement of the government.
3. Skond kif tiġi

Q.10:

**Taħseb li għandna nużaw l-art jew inkella l-baħar sabiex fuqhom niżviluppaw il-ġenerazzjoni tal-enerġija rinovabbli?**




**Other:**

1. We should be looking at all options and then based on our requirements and resources applying a mixed solution that provides the best possible outcome
2. L-aqwa li mhux fuq art ODZ
3. Skond fejn sa jagħmluh għax l-affarijiet ħziena dejjem lejn is-south.
4. Hawn biżżejjed bjut ta' residenzi u binjiet tal gvern / kumpaniji biex nimlew qabel nibdew naħsbu fuq modi ohra.
5. Irid jiġi kkunsidrat l-ambjent. Fuq l-art ma għandux jitneħħa l-ambjent u fuq il bahar irrid jigi ikkunsidrat li l-ħajja tal-baħar ma tiġix influenzata